MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 47/2009/1

**Etienne Rapinette ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J. R. Entreprises Limited**

**vs**

**Spray Pack Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sitta (6) ta' Frar 2009, permezz ta' liema l-attur nomine talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hdax-il elf tlett mija w ghoxrin euro (EURO 11,320) rapprezentanti l-prezz ta' hamest elef u erba' mitt (5400) bott *hair*

*gel* lilu konsenjati u dan kif jirrizulta mill-annessa *invoice* (Dok. A).

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 442/09 ippresentat konteswalment mal-Ittra Interpellatorja datata sitta w ghoxrin (26) t'April 2008 kontra s-socjeta' konvenuta, ngunta minn issa 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Spray Pack Limited (C134) ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2009 (fol. 6) fejn eccepiet:

*"1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' eccipjenti tirrileva li n-negozju gurdiku ezistenti bejn l-partijiet huwa wiehed t'appalt fejn l-attur nomine qabbad lis-socjeta' konvenuta tesegwixxi xi xoghol fuq l-inkarigu tieghu w ghalhekk ma jista' jkun dovut l-ebda prezz da parti tal-istess socjeta' eccipjenti;*

*2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, l-oggetti proprjeta' tal-attur nomine nsterqu minn terzi li l-identita' taghhom mhix maghrufa, dwar liema serqa hemm pendenti nkjesta Magisterjali w ghalhekk peress li s-socjeta' konvenuta ma tahtix ghall-akkadut, ghandu jigi applikat d-dispost tal-artikolu 1635 tal-Kap XVI;*

*3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-oggetti appartenenti lill-attur nomine, gew misruqin meta l-istess attur nomine kien jinsab in mora li jigborhom lura minghand s-socjeta' eccipjenti;*

*4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub mill-attur nomine ma jirrispekkjax l-valur tal-oggetti kkonsenjati lis-socjeta' esponenti ghal finijiet tal-apppalt li tieghu kienet inkarigata.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond l-ligi."*

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 xehed **Etienne Rapinette** (fol.16) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' 'JR Enterprises Limited' u din is-socejta' ilha taghmel negozju mas-socjeta' konvenuta ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena. Qal li kellhom relazzjoni tajba hafna bejniethom u fil-passat qatt ma kellhom problemi u dan ghaliex kienu jaghtuhom ix-xoghol sabiex jimlewlhom l-prodotti taghhom bil-ghan li jigu spediti lis-*suppliers* taghhom barra minn Malta. Qal li l-prodotti taghhom kienu jikkonsistu billi huma kienu jgibu *container* bil-bottijiet vojta, u sussegwentement kienu jibaghtu wkoll ghall-materjal prima minn barra, sabiex dawn l-istess bottijiet jimtlew mis-socjeta' konvenuta li kienet responsabbli li taghmel l-istess *filling*. Qal li fil-fatt il-*container* li kien qed jigi bil-bottijiet vojta, kien qed imur ghand s-socjeta' konvenuta direttament u tul dawn il-hmistax-il sena, qatt ma kien hemm ftehim li s-socjeta konvenuta kienet tithallas talli zzomm dawn il-*containers* fil-hazna taghhom.

Zied jghid li f'dan il-kaz, ipprocedew bhas-soltu fis-sens li waslet ghandhom il-konsenja ta' bottijiet vojta u s-socjeta' konvenuta kellhom jimlewhom. Qal li sussegwentement bdew jintlew u huma bdew jiehdu whud minn dawn il-prodotti, pero' darba minnhom filghodu, d-dirigenti tas-socjeta' konvenuta kienu cemplu u qalulhom li kellhom ahbar hazina fis-sens li kienu sfaw vittmi ta' serq u li l-prodotti li kien ghad fadal ghandhom kienu gew misruqa. Dan kien fis-sitta (6) t'Awwissu 2007.

Ix-xhud kompla jghid li hu fil-fatt kien mar fuq il-post w id-dirigenti tas-socjeta' konvenuta kienu qalulu li l-pulizija kienu diga qed jinvestigaw il-kaz u li hu (ix-xhud) seta' jiehu l-bottijiet li kien fadal. Qal li hu kien staqsihom jekk effettivament kinux

insterqu oggetti ohra u dawn irrispondewh fin-negattiv, u li rrizulta li l-oggetti tas-socjeta' konvenuta biss kienu nsterqu. Qal li hu kien mar fuq il-post dakinhar li kienu cemplulu. Mistoqsi x'kien ra dakinhar wiegeb li hu ra zewg kaxxi fuq *pellet* li kien xoghol taghhom, pero' ra wkoll *pellets* maghluqa bl-oggetti ta' nies ohra u dawn kienu ghadhom kollha hemmhekk.

Qal li hu kien staqsihom jekk effettivament kienetx saret inkjesta magisterjali u dawn irrispondewh li kienet saret pero' ma kinux jafu l-konkluzzjonijiet taghha. Zied jghid li hu dakinhar kien ha lura l-kumplament li kien ghad fadal u baqa' jcemplilhom sabiex jittransigi din il-pendenza li kien ghad hemm bejniethom. Qal li naturalment hu kien waqqaf l-operazzjoni minn mas-socjeta' konvenuta qabel ma din il-kwistjoni giet *settled*. Zied jghid li s-somma li kien qed jitlob u cioe' ta' hdax il-elf tlett mija w ghoxrin euro (€11,320), tirrapprezenta l-valur tal-bottijiet mimlija bil-materjal. Qal li sussegwentement hu beda aktar jinkwieta meta s-socjeta' konvenuta kienet qaltlu li ma kinitx inxjurjata kontra s-serq u meta kien jibghatilhom ghal hlas, kienu jghidulu li huma kienu ghaddejjin bl-investigazzjoni w ghalhekk ma kienux f'posizzjoni li jhallsuh. Qal li l-valur imsemmi fl-avviz, huwa l-valur *at cost price* tal-oggetti li insterqu waqt li kienu fil-kustodja tal-konvenut. Zied jghid li wara li ghamel it-talba ghall-hlas kien ircieva kont minghand s-socjeta' konvenuta fejn kienu talbuh il-hlas ghall-hazna u naturalment dak l-kont hu ma kienx hallsu. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, hu jbiegh kull prodott xi erbgha Euros (€4). Qal li kull meta s-socjeta' konvenuta baghtet ghalih biex imur jigbor il-prodott meta kien ikun lest, hu dejjem mar. Qal li ma kienx f'posizzjoni jghid bl-ezatt meta waslet Malta l-konsenja li nsterqet peress li kien hemm *ongoing business* mas-socjeta' konvenuta. Qal li s-serqa 'n kwistjoni saret ftit wara li bdew jimlew l-

containers  jigifieri xi gurnata u nofs jew jumejn l-aktar wara li kienet waslet il-konsenja effettiva.

Mistoqsi kif jaf meta bdew jimtlew wiegeb li s-socjeta' konvenuta dejjem kienet tinfurmah meta ser tibda timla l-prodotti tieghu.  Qal li meta gie nfurmat biex jigbor ix-xoghol, effettivament kien mar.  Qal li huma jmorru jigbru l-materjal dak il-hin stess.  Mistoqsi kif kien il-prodott li hu kien gabar, wara li effettivament kienet sehhet s-serqa, wiegeb li l-prodott kien mahdum u lest.  Ix-xhud esebixxa kopja ta' ricevuta ta' materjal li kien gabar dakinhar minghand s-socjeta' konvenuta, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. CSH.

Illi nhar t-tmienja (8) ta' Lulju 2009 xehed l-**Ispettur Jesmond Borg** (fol. 22) fejn ikkonferma li hu kien inkarigat sabiex jinvestiga serqa li saret gewwa l-istabbiliment 'Spray Pack Limited KW36 ', Industrial Estate, Corradino u dan nhar is-sitta (6) t'Awwissu 2007. Qal li minn investigazzjoni preliminari maghmula mill-pulizija, u cioe' mill-ahhar hin li s-sid kien kien ra l-fond sakemm effettivament gie stabbilit is-serq,  kien hemm *lapse* ta' tlett ijiem.  Qal li jekk ma kienx sejjer zball il-kumpanija kienet maghluqa bix-*shutdown,* u ghalhekk qal li s-serqa 'n kwistjoni giet innutata mill-impjegat tal-kumpanija stess erbat ijiem wara. Zied jghid li minn dak li rrizulta lill-pulizija jista' jaghti l-kaz li min effettivament ghamel is-serqa kien inheba fl-istess fabbrika, ghaliex l-unika apertura li kellha sgass fiha, kien sgass li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.  Esebixxa kopja tal-okkorrenza relativa ghal din is-serqa li giet immarkata  bhala Dok. JB.  Spjega li effettivament l-oggetti li nsterqu kienu xi gels u li kienet inzammet inkjesta magisterjali minn Dr Giovanni Grixti.  Qal li fil-bidu hasbu li serqu xi *furniture polish* izda minn investigazzjoni ulterjuri ma rrizultax li kien il-kaz.  Qal li jekk ma kienx sejjer zball kien hemm ukoll xi taqlib fl-ufficini, pero' mill-ufficini ma nsteraq xejn.  Qal li s-CCTV cameras

tal-fabbrika ma kinux jahdmu u ma tressaq hadd il-Qorti fuq din in konnessjoni ma' din is-serqa. Kompla jaghid li din kienet zona ndustrijali u hemm hafna fabbriki li huma abbandunati u kien hemm ix-*shutdown*.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2009 xehed **Walter Bonnici** prodott mis-socjeta konvenuta (fol. 28) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Managing Director tas-socjeta' konvenuta u li kien ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar tletin sena. Qal li 'JR Enterprises Limited' kienet tirraprezenta s-socjeta' Olandiza bl-isem 'Keune' li fost ohrajn kienet taghmel *hair cosmetics* u *toileteries*. Spjega li s-socjeta' 'Spray Pack Ltd' kienet ilha xi hmistax-il sena tipproduci taht *licence* tal-'Keune' prodotti varji taghhom inkluz il-'Keune Gel'. Zied jghid li s-socjeta' 'Keune' mill-Olanda kienet tibghat certu materjal prima u *components* u dawn kienu jigu mibghuta lill-agent taghhom Etienne Rapinette. Qal li sussegwentement Etienne Rapinette kien jibaghthom lis-socjeta' minnu rapprezentata 'Spray Pack'. Qal li naturalment meta hu kien qed jghid Etienne Rapinette, ried ifisser is-socjeta' 'JR Enterprises Ltd'. Qal li huma kienu jipproducu l-prodott li kien jigi mibghut lilhom minn 'JR Enterprises', u in segwitu jinvojsjaw lis-socjeta' 'JR Enterprises Ltd' w ghalhekk ir-relazzjoni guridika taghhom kienet dejjem mas-socjeta' 'JR Enterprises Ltd'.

Sussegwentement, zied jghid x-xhud li huma ma kienux jidhlu fil-kwistjoni tat-tqassim tax-xoghol *una volta* dan ikun lest, ghax huma kienu responsabbli biss ghall-*quality control*, il-prodott johrog minn ghandhom skond il-kwalita' dettata mis-socjeta' Olandiza. Qal li kultant zmien kienu jinzlu l-Olandizi jipprelevaw xi kampjuni u johduhom l-Olanda u jittestjawhom halli jaraw li l-prodott ikollu l-istess kwalita'. Qal li f'dawn l-hmistax-il sena qatt ma kien hemm rapport wiehed li l-affarijiet ma kinux skond il-kwalita'. Zied jghid li

salv ghall-incident in kwistjoni f'dawn l-ahhar hmistax-il sena huma ma kellhom l-ebda kwistjoni mas-socjeta' 'JR Enterprises'. Qal li kull ordni li kienet taghmel 'JR Enterprises' maghhom ma kinitx issir la b'*email* u lanqas *fax*. Spjega li kien hemm prassi bejniethom peress li kien hemm relazzjoni tajba, w ghalhekk kienet issir ordni permezz ta' telefonata.

Qal li generalment kien ikun il-*general manager* taghhom certu Henry Galea, li kien jikkomunika maghhom permezz tat-telefon. Qal li s-socjeta' attrici kienet titlob per ezempju ordni ta' elf prodott partikolari u Henry Galea mbaghad kien iwiegeb u jghidilhom approssimativament kemm kellu bzonn zmien biex jipproduci l-ordni li kienet tkun giet ordnata. Qal li din l-ordni sussegwentement kienet tidhol fil-*production schedule* u naturalment in segwitu ssir il-*production* taghha, u una volta l-*production* tibda huma jkunu jafu kemm hemm zmien biex ilestiha w ghalhekk is-socjeta' 'JR Enterprises' kienet tkun taf kemm ha jkun hemm zmien biex jigi *delivered* il-prodott. Qal li f'dan il-kaz partikolari hija produzzjoni ndividwali, li jekk ma kienx sejjer zball kienet tikkoncentra sebat elef unit li kien il-'Keune Gel'. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, dahlet fil-*production* fis-sitta (6) ta' Gunju 2007 pero' spjega li dwar data ezatt jista' jixhed ahjar Henry Galea l-*General Manager* ghax jista' jkun li kien Lulju u mhux Gunju.

Zied jghid li wara li bdiet il-*production* Henry Galea kien cempel lil Etienne Rapinette u qallu li l-*production* kienet bdiet u tlestiet. Qal li l-maggor parti ta' din il-produzzjoni, xi sitt elef u tmien mitt (6800) bott, tlestew bejn is-sitta u l-ghaxra ta' dak ix-xahar partikolari u r-rimanenti bilanc, li kien zghir hafna, tlesta fis-sittax ta' dak ix-xahar. Qal li sussegwentement il-kumpanija tieghu nfurmat lil 'JR Enterprises' li setghu jigu jigbru l-ordni u kuntrarjament ghal dak li kienu jaghmlu s-soltu, fejn kienu jghaggluhom biex jaghmlu l-*production*,

f’dan il-kaz lestew l-*production* u ma gewx jigbruha. Qal li ghadda perjodu ta’ xahar u x-xoghol ma gabruhx w in segwitu sfaw vittmi ta’ serqa u mill-prodotti kollha li kellhom, ittiehdu dawk il-prodotti tal-‘Keune’ biss. Qal li huma m’ghandhomx *insurance policy* li tkopri l-*finished products* tal-klijenti taghhom, qal li l-*insurance policy* taghhom tkopri biss il-materjal prima u dan ghaliex bhala procedura l-*premises* ikun inkluz fil-*policy* tal-klijenti minhabba l-*finished product* li jkun jappartjeni lilhom.

Qal li una volta l-prodott jkun lest min-naha taghhom, huma ma jibqghux responsabbli ghalih molto piu’ jekk il-klijent ihalli l-prodott tieghu hemm, kif gara f’dan il-kaz. Qal li l-prodott tal-‘Keune’ kien jinzamm go kamra separata maghluqa, *within the factory premises,* li tkun imsakkra b’cavetta. Zied jghid li waqt is-serqa l-bieb sabuh sgassat u dan kollu gie rilevat mill-inkjesta relattiva.

**In kontro-ezami** qal li huwa minnu li f’dawn l-ahhar sittax-il sena li kellhom relazzjoni mas-socjeta’ ‘JR Enterprises Limited’ huma kien ikollhom il-materja prima lesta biex meta jkollhom l-ordni jahdmuha. Qal li l-prassi dejjem kienet li una volta l-prodott ikun lest jigi jigbru l-klijent. Qal li kien hemm klijenti ohrajn fejn ghamlu d-*delivery* taghhom pero’ ma’ ‘JR Enterprises’ huma kienu jmorru jaghmlu d-*delivery*.

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t’Ottubru 2009 xehed **Henry Galea** prodott mis-socjeta’ konvenuta (fol. 31) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta’ General Manager tas-socjeta’ ‘Spray Pack Limited’. Spjega li l-ordni in kwistjoni kienet saret minn Etienne Rapinette, anzi qal li probabilment kien missieru, mhux Etienne. Zied jghid li l-kumplament tal-i*stock* li kien ghad fadallu ghandhom kienet xi haga ‘l fuq minn sebat elef, fil-fatt il-*production* saret nhar il-hamsa (5) ta’ Lulju

2007. Ikkonferma wkoll li bhala procedura huma ma jinfurmawx lill-klijent meta tibda l-*prodcution* izda meta titlesta. Qal li l-*production* kienet lesta l'ghada, b'eccezzjoni ghal ftit tubi. Ftakar li s-sitta ta' Lulju kien jahbat il-Gimgha, s-sebgha w it-tmienja kien il-*weekend* u li fid-disgha tax-xahar kienu nfurmaw lil Rapinette li l-*production* kienet lesta biex jigborha. Qal li kien ikkuntattjah telefonikament u kien infurmah bit-telefon, pero ma kienx jaf jekk marrux jigbruhom il-prodotti. Qal li kien baqa' xi 84 *units* u spiccawhom ukoll. Qal li wara dakinhar, cemplilhom xi darbtejn ohra biex imorru jigbru l-affarijiet, pero' ma gewx jigbruhom.

Qal li wara li saret is-serqa pero' kienu gew u gabru l-bilanc li kien ghad fadal. Spjega li s-serqa kienet saret nhar s-sitta t'Awwissu 2007 u din kienet tinvolvi erba' mija u erbghin kaxxa u kull kaxxa kien fiha tnax-il *unit* w ghalhekk is-serqa kienet ta' hamest elef mitejn u tmenin bott gel u l-*production* kienet ta' sebat elef, mija u sitta u sebghin (7,176) w ghalhekk is-socjeta' attrici gabret elf tmien mija u disghin bott (1,890) minghandna. Zied jghid li 'n segwitu huma kienu gew misruqa u hu kien cempel lil Etienne Rapinette, w infurmah b'dak li gara u fil-fatt kien semgha lil Joe Rapinette fil-*background* ighid lit-tifel "qed tara, ili nghidlek biex immorru nigbruhom." Qal li l-lehen ta' Joe Rapinette gharfu, peress li kien ilu jkellmu b'mod regolari snin twal.

Kompla jghid li gol-mahzen taghhom hemm kamra ohra u dawn il-gels kienu gew storjati f'din il-kamra maghluqa b'cavetta. Qal li una volta saret is-serqa saru jafu li l-bieb ta' din il-kamra kien gie sgassat. Qal li sussegwentement is-Sur Rapinette qal li ma xtaqx jahdem aktar maghhom wara din is-serqa u naturalment tilfu x-xoghol. Esebixxa zewg dokumenti li huma *production control* bhala Dok. SP 1 u SP2 rispettivament. Zied jghid li l-procedura hi li huma jcemplulhom una volta x-

xoghol ikun lest u gieli jmorru jigbru kollox f'daqqa u gieli jmorru jigbru separatament skond il-kaz. Qal li f'dan il-kaz l-ordni kienet wahda zghira u jaf li hallewhom hemm. Mistoqsi x'tip ta' *insurance* kellhom, wiegeb li ma setghax jixhed fuq din. Spjega li f'din is-serqa nsterqu biss l-oggetti tal-'Keune' u kien hemm prodotti ohrajn u l-unika sgass li kien hemm, kien propju f'dan il-bieb. Zied jghid li kien hemm bieb iehor fil-mahzen maqtugh minn gewwa, pero sa fejn kien jaf hu, ma tressaq hadd fuq din is-serqa. Qal li hu kien talab lis-socjeta' 'JR Enterprises Limited' tghidilhom l-valur ta' dawn il-prodotti li gew misruqa ghall-pulizija u kienu talbuhom wkoll jekk kienux koperti bl-*insurance* w ghalhekk kien talab lil 'JR Enterprises' jaghtuh kopja tal-*insurance* taghhom. Qal li nfurmawhom ukoll li din l-istima setghet tigi wzata ghal xi *insurance*. Qal li huma ma kienux koperti bil-polza taghhom pero' ghal din is-serqa.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2010 rega' xehed **Etienne Rapinette** (fol. 38) fejn esibixxa numru t'*invoices* mahruga fis-sena 2006 bhala Dok. MS, li jindikaw r-relazzjoni regolari li kellhom mas-socjeta konvenuta u li kienu jingabru b'mod regolari. Qal li qabel nqala l-incident l-ahhar darba li gabru x-xoghol, kien fis-sitta ta' Gunju 2007. Qal li huma kienu ghamlu xi hmistax ma jmorrux peress li l-bottijiet kienu spiccawlhom u f'dan r-rigward esibixxa d-Dok. MS 1 li hu *invoice* mill-*mother company* fejn huma kienu ghamlu ordni ta' dawn il-bottijiet kif wkoll kopja tal-ittra tal-burdnar bhala Dok. MS 2. Esibixxa wkoll bhala Dok. MS 3, sett ta' dokumenti li jindikaw l-frekwenza relatata mal-*claim* in kwistjoni u cioe ghal perjodu ta' Mejju, Gunju w Awwissu 2007. Esibixxa wkoll l-*invoices* mibghuta lis-socjeta konvenuta bhala Dok. MS 4, sabiex taghmel l-pagamenti dovuti liema pagamenti hu m'ghamilx. Zied jghid li huma kellhom relazzjoni tajbna hafna bejniethom kemm damu maghhom ghal circa hmistax il-sena. Qal li fil-fatt kienu jaghmlu

telefonati u gieli mlew certu fliexken u gieli ohrajn. Qal li l-*filling* kien isir kwazi kollu minghand s-socjeta konvenuta u sussegwentement kienu ftehmu kif kellhom tigi maqsuma l-ordni. Spjega li dawk l-*invoices* kienu kollha relatati mal-konsenja qabel din il-kwistjoni.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta’ Jannar 2010 rega’ xehed **Henry Galea** (fol. 69) fejn mistoqsi xi prodotti ohrajn huma kienu jaghmlu fiz-zmien tal-incident, wiegeb li dak iz-zmien kienu qed jaghmlu wkoll xi *fabric conditioners* u *detergents u xi air freshners* zgur. Mistoqsi jekk kienx hemm xoghol ta’ haddiehor fil-fabbrika li kien lest, wiegeb li kien hemm u cioe dawn tas-socjeta GDL, General Distributors Limited. Qal li l-prodotti ‘Keune’ biss kienu imsakkra. Qal li hu kellu relazzjoni tajba mal-attur. Qal li meta kien jidhol xi *container* minn barra, kien jinhatt direttament ghandhom (ix-xhud), kien jigi ordnat skond kemm ghandu bzonn u huma (x-xhud) jimlew *accordingly*. Mistoqsi kemm kien cempel qabel m’insterqet l-ordni effettiva, wiegeb li ma jiftakarx. Qal li bhala kwantita kien jiehu varji, skond l-ordni li jkun ghamel, skond liema *size* jigi bih. Qal li meta kien bil-vann z-zghir, kien jiehu zewg *pellets* l-attur. Qal li tal-i*storage* per se, ma kienx jigi ccargjat l-attur, jista jkun li kien fil-*costings*. Qal li ma kienx f’posizzjoni jghid kemm zmien qabel gie l-*container* ghandhom (ix-xhud) qabel l-incident in kwistjoni pero qal li kien ilu zmien li kien gie ghaliex huma (ix-xhud) kienu qed jahdmu fuq l-ahhar ftit tal-*container*.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghaxra (10) ta’ Marzu 2010.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi dwar il-fat ma jidhierx li hemm kontestazzjoni fis-sens li s-socjeta konvenuta kellha taht il-kustodja taghha merkanzija proprjeta tas-socjeta

attrici. Jirrizulta wkoll bla tlaqliq li waqt li s-socjeta konvenuta kellha din il-merkanzija taht il-kustodja taghha, s-socjeta konvenuta kienet sfat vittma ta' serq u l-oggetti proprjeta tas-socjeta attrici kienu gew misruqa u bhala rizultat ta' din is-serqa sofriet danni kif reklamati fir-rikors promotur.

F'dan il-kaz is-socjeta attrici ghandha favuriha l-ammissjoni tal-socjeta konvenuta li l-merkanizija kienet depozitata ghandha u taht il-kontroll taghha Biex allura l-konvenut jezonera ruhu mill-htija dwar il-konservazzjoni tieghu, jrid jipprova dak prevvist fl-Artikolu 1901 tal-Kodici Civili u cioe` il-prova tal-kaz fortuwitu. Fi kliem iehor, irid jiddimostra li s-serqa tal-merkaniza mhux biss kienet imprevedibbli, izda wkoll inevitabbli (**Vol. XXIV P I p 172: "Azzopardi -vs- Arcivocich et"**);

Hi gurisprudenza accettata illi "*s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu w ghalhekk ghandu jsofrih il-proprjetarju tal-oggett misruq. Dan, ammenokke ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa l-htija fuqu ta' dak il-kaz fortuwitu.*" (**Vol. XXXII P I p 532: "Bianco -vs- Ciantar**);

Dan ghaliex il-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` tad-dannu jekk jkun precedut minn htija ta' min ikkagunah (**Vol. XXX P III p 142: "Bezzina -vs- Grech et"**);

Ghall-Qorti l-fattezzi f'dan il-kaz jinducuha ghar-rizultat illi s-serq in kwistjoni seta' gie evitat b'daqsxejn diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Jirrizulta mill-atti processwali li fis-sit fejn is-socjeta konvenuta kienet qed izzomm il-merkaniza ma kienx hemm mil-*camera* tac CCTV jahdmu, in oltre s-socjeta konvenuta lanqas hadet hsieb sabiex tipprovdi ghal polza ta' sigurta li tkopri merkanzija lesta u cioe mhux biss materjal ta' kwalita prima.

Jirrizulta wkoll li in oltre li x'aktarx il-persuna li ikkommettiet is-serqa kienet mistohbija gewwa l-fond li gie derubat w ghalhekk dan jindika li kien hemm certu negligenza mis-socjeta konvenuta meta hija ghalqet il-*premises* taghha molto piu meta tqis li kien hemm xi granet ta' ferji li jsegwu. Is-socjeta konvenuta kellha reponsabilita akbar ghaliex fil-fatt ghandha f'idejha proprjeta ta' terzi w ghalhekk ghandha tkun responsabbli ghaz-zamma taghha u tiehu kull mizura accettabbli ghas-sigurta taghha.

In tema legali jigi osservat f'materja ta' depozitu, li d-depozitarju ghandu jiehu hsieb l-oggett fdat lilu daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejjgu [Art.1899]. Huwa obbligat li jrodd lura l-oggett fdat f'idejh u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet, huwa responsabbli ghat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ikun ghamel id-depozitu, salv f' kaz li jipprova l-kaz fortuwitu bhala motiv tal-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata.

Prova ta' din tinkombi fuqu li jaghmilha. "*Jekk id-deposiztarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga, l-prova tal-kaz fortuwitu taqa' fuqu. F'dan il-kaz tapplika l-massima res perit dominus. Inoltre, l-gurisprudenza hija konkordi li l-kuncett ta' kaz fortuwitu jew forza maguri ma jsehhx meta ghall-hsara ikun ikkontribwixxa l-fatt posittiv jew negattiv tal-bniedem*" *[App.Civ.***_Carmela Sapiano vs Antonia Fenech_** *[1997] Vol.LXXXI.II.149].*

Il-fatt ghal Qorti li is-socjeta konvenuta ma haditx il prekawzjoni rikjesta ghaz-zamma t'oggetti proprjeta ta' terzi billi ma ipprovdietx sigurta adegwata, u cioe la ma kien hemm installat CCTV *cameras*, la kien hemm polza ta' sigurta, la kien hemm sistema ta' xi *alarm* jew ta' xi *shuttering*. Ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta aggixxiet bhala *pater bonus familias* fiz-zamma tal-oggetti proprjeta tas-socjeta konvenuta. Anzi jirrizulta

> prima facie li s-serqa saret minn xi hadd li aktarx kien stahba gol-fond dan kollu jinnewtralizza l-argument tas-socjeta konvenuta li hu bazat fuq il-forza magguri u li hu fis-sens li huwa ghandu jigi ezentat mill-hsara li sofra l-oggett fil-kustodja tieghu.
>
> Dwar il-valur reklamat mis-socjeta attrici ma jidhirx li s-socjeta konvenuta gabet xi prova kuntrarja w ghalhekk tali valur huwa wkoll gustifikat in vista tad-dokumentazzjoni esebita.
>
> Konsegwentement il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta b'dan li tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kollha ndikata fir-rikors promotur fl-ammont ta' hdax il-elf tlett mija w ghoxrin euro (EURO 11,320).
>
> L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mis-socjeta konvenuta.”

Huma dawn li gejjin l-aggravji li bl-appell taghha s-socjeta` konvenuta tressaq quddiem din il-Qorti fil-kontestazzjoni tas-sentenza hawn fuq riprodotta:-

1. L-ewwel Qorti erronjament applikat ghar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet l-istitut tad-Depozitu. Dan ghal motiv illi f'dan il-kaz il-materjal supplit mill-attur *nomine* ghadda ghandha in virtu ta' kuntratt ta' appalt, u allura ghall-fattispeci kien jghodd id-dispost ta' l-Artikolu 1635 tal-Kodici Civili;

2. Is-serqa li wasslet ghat-telf tal-merce proprjeta` ta' l-attur *nomine* tikkostitwixxi kaz fortuwitu bil-konsegwenti applikazzjoni tal-prinicpju *res perit dominus*;

3. It-telf ta' l-oggetti ta' l-appalt li ghalih giet inkarigata ma jista' jigi qatt akkollat lilha in vista tal-fatt li l-attur *nomine* kien in mora li jircievi lura l-oggetti;

4. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kwantita tal-merce derubata kienet anqas minn dak pretiz mill-attur *nomine*;

Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod terga' tirreplika l-fatti anke ghaliex dawn huma sew dettaljati fl-esposizzjoni tas-sentenza appellata. Tista' pero` tikkonferma illi bejn il-kontendenti kien hemm rapport kontrattwali ta' durata ta' snin li, fil-fattezzi tieghu, jixxiebah lil dak ta' l-appalt jew, ahjar tal-*locatio operis*. Jista' forsi jizdied ukoll illi l-azzjoni prospettata hi implicitament wahda ghall-irkupru tat-telf subit fil-prodotti kkonsenjati mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta, li minn naha taghha tiddefendi ruhha, principalment, bl-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu ghas-serqa minn terzi injoti ta' dawk l-istess prodotti;

F'kaz bhal dan l-indagini hi mahsuba biex tirrintraccja l-linea tal-konfini bejn l-impossibilita` ta' l-adempjenza ghal liema s-socjeta` konvenuta qed titqies imputabbli u msejha twiegeb ghad-danni (Artikolu 1125, Kodici Civili) u l-prova liberatorja bhala mod ta' estinzjoni tal-htija (Artikolu 1133, Kodici Civili). Dejjem skond dan l-ahhar artikolu "in-nuqqas" imputabbli hu identifikat f' "xi haga barranija", ossija fil-kaz ta' event straordinarju u imprevedibbli li rrenda impossibbli l-prestazzjoni. Tali hu ezemplifikat fil-"forza magguri" jew l-"accident" ghal liema jirreferi l-Artikolu 1134, Kodici Civili. In effetti sija l-"forza magguri", sija l-"accident" jew il-"kaz fortuwitu" huma aspetti ta' dik il-forza barranija li ma setghetx tingheleb mid-debitur ta' l-obbligazzjoni;

Hu ragonevolment dejjem necessarju, ghall-fini tal-gudizzju ta' l-imputabilita`, o meno, illi jigi konsiderat in-natura tal-kuntratt u l-kontenut konkret tal-kaz singolu, anke ghaliex il-kuntratti jvarjaw wiehed mill-iehor. Ara ad ezempju l-Artikolu 1630 fil-kaz tal-kuntratt ta' vettural bl-art jew bil-bahar, l-Artikolu 1828 fil-kaz tal-kommodat u, sa cert punt izda mhux ghal kollox l-Artikolu 1635 fil-kaz ta' appalt. Wisq logikament fil-kuntratti kollha in generali l-

impossibbilita` tista' tkun dovuta ghall-fatt imputabbli lil terza persuna ghaliex anke dan jista' jkun kawza ta' forza magguri jew ta' kaz fortuwitu. Ara "**Albert Borg Falzon *proprio et nomine* -vs- Charles Darmanin *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940. Ovvjament, ma jistax ma jissemmiex illi anke f'event bhal dan mhux eskluz b'mod awtomatiku illi d-debitur ta' l-obbligazzjoni jista' jibqa' responsabbli ghall-qaghda li jkun kkreja jekk hu, b'att jew ommissjoni tieghu, jqieghed lit-terz fil-kundizzjoni li jinterferixxi fl-osservanza jew fl-ezekuzzjoni ta' l-obbligi tieghu;

Spiss drabi, il-kontroversja konkreta tal-ko-involgiment tat-terz li tkun gabet l-impossibbilita hi konnessa ma' kazijiet ta' serq, kif hekk inhu l-kaz anke hawnhekk. Hekk inhu ritenut illi "s-serq ghandu jkun konsidrat bhala kaz fortuwitu, u ghalhekk ghandu jsofrih il-proprjetarju ta' l-oggett misruq". Ara "**Charles Bianco -vs- Carmelo Ciantar**", Appell Kummercjali, 17 ta' April, 1944 u "**Elia Borg Bonaci -vs- Robert Biasini *et nomine***", Appell Civili, 22 ta' Mejju 1950. Evidentement, pero`, kif inhu kawtelat skond din l-istess gurisprudenza dan hu hekk "ammenokke, ma jkunx hemm xi htija (f'dawk il-kazijiet, tad-depozitarju) ghax ma jkunx ha l-prekawzjonijiet biex is-serq ma jsirx. Fl-istess sens hi wkoll id-dottrina legali, anke dik recensjuri. Hekk jinsab ikkummentat illi "*per quanto riguarda il furto, non c'è dubbio che esso di per sè non esonera il debitore, il quale deve tutelarsi contro una simile eventualita`. Sulla fonte di un tale dovere la giurisprudenza si divide: secondo l'impostazione oggettivistica della responsablita`, si tratterebbe di un rischio che il debitore deve assumersi, nei limiti in cui il fatto del terzo rientra nella sua sfera di controllo. Secondo l'impostazione soggettivistica, invece, il dovere di evitare il fatto del terzo discenderebbe dal piu` generale dovere di diligenza*". Ara **Franzoni** "**L'obbligazione in generale**", Ed. Utet, 2004, pagna 913);

Il-kuncett mhux lanqas aljen skond il-kazisitika taghna in kwantu, kif ritenut in bazi ghall-principji maghrufa tad-dritt

"biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu ... imma jehtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias*." Ara "**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle Mc Cance *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Frar, 1953. Din l-enuncjazzjoni ghandha l-fonti taghha f'dik il-gurisprudenza anterjuri kopjuza li affermat illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilita` jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-dannu (ara "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938), minhabba "*violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui*" (ara "**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***", Appell Civili, 14 ta' Novembru, 1919 u "**Costantino Fenech -vs- Camillo Gatt *nomine et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Mejju, 1902);

Premess dan, gjaladarba l-attur *nomine* ghandu favur tieghu d-dikjarazzjoni ammessa tas-socjeta` konvenuta illi l-prodotti li kienu ghandha gew misruqa, imiss lis-socjeta` konvenuta li tipprova li s-serq sar, u li dan kien ghaliha mhux biss imprevedibbli imma anki inevitabbli. Ara fil-kaz ta' serq ta' oggett mirghun jew is-serq ta' trukk fdat ghat-tiswija s-sentenzi fl-ismijiet "**Giuseppe Lia *et* -vs- Peter Endrich**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' April, 1937 u "**Paul Abela *et nomine* -vs- Annunziato Xuereb**", Appell Kummercjali, 11 ta' Jannar, 1989. Hu, difatti, ipprecizat illi "l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur, imma mhux bizzejjed li huwa jipprova li ma kienx in mala fede ghaliex il-kaz fortuwitu ma jikkonsistix fl-assenza tal-mala fede imma fl-imprevedibilita` ta' l-event fortuwitu jew fl-impossibilita` li jevitah" ("**Consiglia Fenech -vs- Angelo Carabott**", Appell Civili, 17 ta' Novembru, 1941);

Issa fil-fehma tas-socjeta` appellanti s-serqa kienet wahda imprevidibbli in bazi ghar-ragonament illi fis-snin twal li ilha topera mill-fabbrika fil-kors tal-kontrattazzjonijiet bejn

il-partijiet qatt ma kien hemm incident simili. Ghal din il-Qorti dan ir-ragonament mhux accettabbli. Ibda biex, il-gudizzju dwar il-prevedibilita` ta' certu event ghandu jitkejjel bil-kriterju tad-diligenza ordinarja tal-missier tajjeb tal-familja in rapport ghas-sitwazzjoni li tkun konkretement sehhet, u mhux permezz ta' gudizzju argomentativ astratt. Hekk kif sewwa hu ritenut "ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza oridnarja tal-*bonus pater familias*, li fin-nuqqas taghha ggib il-*culpa* tad-debitur, li allura jisnatura l-koncett tal-*forza magiore*". Ara "**Kurunell Hugh Philip Raymond *nomine* -vs- Neguzjant Manwel Busuttil *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 16 ta' Novembru, 1942. Huwa proprju b'dan il-kejl "standard" tad-diligenza li jigi accertat jekk certu event kienx, jew le, prevedibbli. Ma ghandu qatt ikun assunt illi ghax event bhal dan, f'tant snin, qatt ma avvera ruhu ghandu ghal daqshekk jigi dedott illi dak l-event li sehh, maghrufa c-cirkostanzi, kien imprevedibbli. Kif inghad proprju f'din l-ahhar sentenza citata "kull kaz ghandu jigi kunsidrat ghalih, ghaliex ic-cirkustanzi taz-zmien u ta' natura ohra jistghu jirrendu l-event prevedibbli f'kaz, li kien ikun imprevidibbli f'kaz iehor". Il-fatt jiddemostra li l-prevedibilita` kienet ta' probabilita` ragjonevoli;

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti s-socjeta` konvenuta ma tistax tadduci in diskolpa l-imprevidibilita` ta' l-event jew dik ta' l-inevitabilita` tieghu in kwantu mill-kwadru tal-fatti jinzel car illi hi ma hadetx hsieb li tipprovdi almenu certu margini ta' sikurezza fil-fabbrika taghha ghal konservazzjoni tal-prodotti ta' l-attur *nomine*. Din il-konstatazzjoni tal-Qorti hi radikata fuq il-fatti senjalati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u m'hemmx htiega li wiehed joqghod jerga' jirrepetihom. Essenzjalment, il-fatti juru li s-serqa tal-prodotti ma kienetx dovuta ghal xi rottura jew sgass minn barra tal-fabbrika tas-socjeta` konvenuta izda minn xi hadd minn gewwa l-istess fabbrika. Dak li hu cert hu li certi mizuri kawtelari setghu ahjar jservu biex tigi skongurata l-possibilita` tas-serqa, u jkunu tutelati kif jixraq il-prodotti ta' l-attur *nomine*, li, incidentalment, b'kumbinazzjoni, kienu l-unici oggetti li allegatament gew

derubati. F'sitwazzjoni konsimili din il-Qorti ma tistax leggerment taccetta l-proposizzjoni tas-socjeta` appellanti tal-fatt tat-terz ghall-eskluzjoni tar-responsabilita` fl-inadempiment tal-konsenja tal-prodotti, derivanti mill-kontrattazzjoni stipulata fl-ezercizzju ta' l-attivita` taghha;

Kien jew ma kienx in mora l-attur *nomine* fit-tehid minghand is-socjeta` appellanti tal-prodotti tieghu, jibqa' l-fatt illi l-istess socjeta` naqset li tuza dik id-diligezna u kura mistennija tal-*bonus paterfamilias* minnha fil-harsien ta' dawk il-prodotti. Tabilhaqq ikollu jinghad b'ripetizzjoni illi, hi, din il-prova tad-diligenza, hekk gravanti fuqha, ma rnexxielhiex taghmilha. Ara f'sens konformi s-sentenza fl-ismijiet "**Maggur Charles Bartolo *nomine* -vs- Joseph Dalli *et***", Qorti tal-Kummerc, 26 ta' Mejju, 1966. Ara wkoll "**Falzon *pro et noe* -vs- Darmanin *pro et noe***", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940 aktar 'il fuq citata. La darba din il-prova ma saretx konvincentement, is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi illi ghall-fattispeci ghandu japplika l-principju *casus sentit dominus* sancit fl-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili;

Kwantu ghall-ahhar ilment tirrizulta mix-xhieda ta' Henry Galea ghas-socjeta` konvenuta (fol. 31) illi s-serqa kienet ta' hamest elef mitejn u tmenin (5280) bott gel. Dan l-ammont ta' bottijiet ma jidherx li huwa kkontrastat mill-attur *nomine* b'xi kontro-ezami jew prova xort'ohra. Meta wiehed jimmultiplika dan l-ammont bil-*cost price* ta' erba euro (€4) kull bott (ara deposizzjoni ta' l-attur Etienne Rapinett a fol. 16 *et sequitur*), il-valur suppost jittotalizza €21,120 u mhux €11,320 kif mitlub skond l-Avviz. Evidentement, il-*cost price* ta' €4 mhux preciz u hu definittivament inferjuri (approssimativament €2.096). It-telf ta' 5280 bott b'din ir-rata jaghti figura ta' hdax-il elf tmienja u sittin euro u erbgha u erbghin centezmu (€11,068.44). Hi din is-somma li ghandha tigi rizarcita lill-attur *nomine*.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-ewwel tliet aggravji. Tilqa’ invece r-raba’ aggravju u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi tirreduci s-somma kanonizzata ghal hdax-il elf, tmienja u sittin euro, erbgha u erbghin centezmu (€11,068.44). L-ispejjez relattivi ta’ dan l-appell jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------